



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2014
COM(2014) 587 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESI

għall-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-

Kunsill ta' Assoċjazzjoni u tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, tat-twaqqif ta' żewġ sottokumitati speċjalizzati, u tad-delega ta' ċerti poteri mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

ANNESS 1

DEĊIŻJONI Nru 1/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U r- Repubblika tal-MOLDOVA tal-... 2014

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 434 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 464, partijiet mill-Ftehim huma applikati provviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014.
- (2) L-Artikolu 435(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (3) L-Artikolu 437(1) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun megħjun fit-tweqqif ta' dmirijiet minn Kumitat ta' Assoċjazzjoni filwaqt li l-Artikolu 438(1) jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddetermina fir-regoli ta' proċedura tiegħu d-doveri u l-funzjonament tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, kif stabbiliti fl-Appendiċi A u B rispettivament, huma b'dan adottati.

Magħmul fi ..., ..

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Moldova

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
AA-DCFTA UE-Repubblika tal-Moldova**

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 434(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") iwettaq id-dmirijiet tiegħu kif previst fl-Artikoli 434 u 436 tal-Ftehim.
2. Kif previst fl-Artikolu 435(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun magħmul minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u minn membri tal-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra. Il-kompożizzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tqis il-kwistjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati f'kull laqgħa. Fejn ikun xieraq u bi qbil miż-żewġ Partijiet, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiltaqa' fuq livell ta' Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Kif previst fl-Artikolu 436(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi l-għanijiet tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jieħu l-miżuri xierqa għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż, jekk meħtieġ, billi jagħti s-setgħa lil entitajiet speċifiċi stabbiliti skont dan il-Ftehim sabiex jaġixxu f'ismu. Il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Huwa jadotta d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega s-setgħat tiegħu lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.
4. Il-partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma daww kif definiti fl-Artikolu 461 tal-Ftehim

Artikolu 2

Presidenza

Il-Partijiet iżommu l-Presidenza tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, alternatament, għal perjodu ta' 12-il xahar. L-ewwel perjodu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, u meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, bi ftehim reċiproku.
2. Kull sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tinżamm f'data miftiehma mill-Partijiet.

3. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, bi qbil mal-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn 30 jum qabel id-data tal-laqgħa.

Artikolu 4

Rappreżentanza

1. Il-membri tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jiġu rrappreżentati f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu. Jekk membru jixtieq ikun hekk rappreżentat, dan irid jinnotifika lill-President bil-miktub bl-isem tar-rappreżentant tiegħu qabel ma tibda l-laqgħa li fiha jkun ser jiġi rappreżentat.
2. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jeżerċità d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

1. Il-membri tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn uffiċjali. Qabel kull laqgħa, il-President jiġi infurmat, permezz tas-Segretarjat, dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull Parti.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista', bi qbil bejn il-Partijiet, jistieden rappreżentanti ta' korpi oħra tal-Partijiet jew esperti indipendenti f'qasam biex jattendu għal-laqgħat tiegħu bħala osservaturi jew sabiex jipprovdur informazzjoni fuq suġġetti partikolari. Il-Partijiet jaqblu dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom dawn l-osservaturi jistgħu jattendu l-laqgħat.

Artikolu 6

Is-Segretarjat

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u uffiċjal tar-Repubblika tal-Moldova jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 7

Korrispondenza

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tintbagħat lis-Segretarju jew tal-Unjoni jew tar-Repubblika tal-Moldova, li min-naħa tagħhom jgħarrfu lis-Segretarju l-ieħor.
2. Is-Segretarjat jiżgura li l-korrispondenza tiġi trażmessa lill-President u, fejn xieraq, iċċirkolata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
3. Is-Segretarjat jibgħat il-korrispondenza kif dovut lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll lill-Missjonijiet tar-Repubblika tal-Moldova għall-Unjoni Ewropea, b'kopja, kif applikabbli, lill-ministeru responsabbli mill-affarijiet barranin jew il-ministeru responsabbli għall-kummerċ u l-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ fir-Repubblika tal-Moldova.

4. Komunikazzjonijiet mill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jintbagħtu lid-destinatarji mis-Segretarjat fisem il-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Tali komunikazzjonijiet jiġu ċċirkolati, fejn jixraq, lill-membri tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif previst fit-tielet paragrafu.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ma jkunux pubbliċi. Meta Parti tissottometti lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali, il-Parti l-oħra tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.

Artikolu 9

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President ifassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa. Din tintbagħat mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-laqgħa.
L-aġenda provviżorja tinkludi dawk il-punti li fir-rigward tagħhom il-President ikun irċieva talba għall-inklużjoni tagħhom fl-aġenda sa mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Dawn il-punti ma jinkitbux fl-aġenda provviżorja sakemm id-dokumenti ta' appoġġ rilevanti ma jkunux ġew mibgħuta lis-Segretarji qabel id-data li fiha tintbagħat l-aġenda.
2. L-aġenda tkun adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti appartati dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
3. Il-President jista', b'konsultazzjoni mal-Partijiet, iqassar il-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex iqis il-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 10

Minuti

1. Għandu jitħejja abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji.
2. Bħala regola ġenerali, il-minuti jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:
 - (a) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni;
 - (b) id-dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu; kif ukoll
 - (c) kwistjonijiet li dwarhom ikun intlaħaq qbil bejn il-partijiet, bħal deċiżjonijiet adottati, id-dikjarazzjonijiet li kien hemm qbil dwarhom u kull konklużjoni, fost oħrajn.
3. L-abbozz tal-minuti jiġi ppreżentat lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni fi żmien 20 jum kalendarju wara kull laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Dan jiġi approvat fi żmien 45 jum kalendarju wara kull laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Wara l-approvazzjoni, il-minuti jiġu ffirmati mill-President u miż-żewġ Segretarji.

Kopja ċertifikata vera tintbagħat lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tiġi ffirmata mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Moldova.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu wkoll deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Għal dan il-għan, it-test tal-proposta jitqassam bil-miktub mill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-membri tiegħu skont l-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju li fih il-membri għandhom jgħarrfu r-riżervi jew l-emendi li jixtiequ jagħmlu. Il-President jista', b'konsultazzjoni mal-Partijiet, iqassar il-limitu ta' żmien sabiex iqis il-ħtiġijiet ta' każ partikolari.
3. Ladarba t-test jiġi miftiehem, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni jiġu ffirmati b'mod indipendenti u suċċessivament mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Moldova. L-atti tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiġu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament skont it-tifsira tal-Artikolu 436(1) tal-Ftehim. Is-Segretarjat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jagħti lil kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett. Kull deċiżjoni tistipula d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiġu awtentikati miż-żewġ Segretarji.
5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet jiġu ċċirkolati lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-regoli ta' Proċedura.
6. Kull Parti tista' tiddeċiedi li tordna l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 12

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkunu l-lingwi uffiċjali tal-Partijiet.
2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni normalment jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawn il-lingwi.

Artikolu 13

Spejjeż

1. Kull Parti tkopri kull spiża li tagħmel bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż tal-posta u t-telekomunikazzjoni.
2. In-nefqa marbuta mal-interpretazzjoni fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti titħallas mill-Unjoni Ewropea. F'każ li r-Repubblika tal-Moldova tkun teħtieġ interpretazzjoni jew traduzzjoni minn u lejn ilsna oħra barra daww previsti fl-

Artikolu 12 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, l-ispejjeż relatati ma' dan jitħallsu mir-Repubblika tal-Moldova.

3. Spejjeż oħrajn relatati mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat jitħallsu mill-Parti li tospita l-laqgħat.

Artikolu 14

Kumitat ta' Assoċjazzjoni

1. Skont l-Artikolu 437(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun megħjun fil-qadi ta' dmirijietu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Il-Kumitat ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni fuq naħa, u r-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, fuq livell iddeterminat mill-Ftehim.
2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fejn xieraq u, b'mod ġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim. Huwa jqis kull kwistjoni li titressaq quddiemu mingħand il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif ukoll kull kwistjoni li tista' tinqala' matul it-twettiq tal-Ftehim. Huwa jippreżenta propositi jew abbozzi ta' deċiżjonijiet/rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni tiegħu. Skont l-Artikolu 438(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jagħti s-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet.
3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jieħu d-deċiżjonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li għandu s-setgħa jagħmel skont il-Ftehim.
4. F'każijiet fejn il-Ftehim jirreferi għal obbligu ta' konsultazzjoni jew possibbiltà ta' konsultazzjoni jew fejn il-Partijiet jiddeċiedu bi ftehim komuni biex jikkonsultaw lil xulxin, din il-konsultazzjoni tista' ssir fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, ħlief fejn speċifikat mod ieħor fil-Ftehim. Il-konsultazzjoni tista' tkompli fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.

Artikolu 15

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati skont l-Artikolu 11 ta' hawn fuq.

**Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-Sottokumitati
AA-DCFTA UE-Repubblika tal-Moldova**

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li huwa stabbilit skont l-Artikolu 437(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") jgħin lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fit-twettiq tad-dmirijiet u tal-funzjonijiet u jwettaq il-kompiti stipulati f'dan il-Ftehim u assenjati lil mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Skont l-Artikolu 438(1), il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddetermina fir-regoli ta' proċedura tiegħu d-doveri u l-funzjonament tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.
2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fejn xieraq u, b'mod ġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u l-funzjonament korrett tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-Kumitat iqis kull kwistjoni li titressaq quddiemu mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kif ukoll kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' matul l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Huwa jippreżenta propositi jew abbozzi ta' deċiżjonijiet jew rakkommandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għall-adozzjoni.
3. Kif previst fl-Artikolu 437(2) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u minn rappreżentanti tar-Repubblika tal-Moldova, fil-prinċipju f'livell ta' uffiċjal pubbliku anzjan, li jkollhom il-kompetenza fil-kwistjonijiet speċifiċi li jridu jiġu indirizzati f'kull sessjoni partikolari.
4. Skont l-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, meta l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ iwettaq il-kompiti konferiti lilu fit-Titolu V tal-Ftehim, huwa jkun kompost minn uffiċjali anzjani tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Moldova li jkollhom responsabbiltà għall-kummerċ u għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ. Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jew tar-Repubblika tal-Moldova li jkollu r-responsabbiltà għall-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ jaġixxi bħala President skont l-Artikolu 2 hawn taħt. Fil-laqgħat jattendi wkoll rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
5. Kif previst fl-Artikolu 438(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim u f'oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddelega s-setgħat lilu. Id-deċiżjonijiet huma vinkolanti għall-Partijiet, li jieħdu l-miżuri xierqa biex iwettquhom. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi għall-adozzjoni tagħhom.
6. Il-Partijiet f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura jiġu definiti kif stipulat fl-Artikolu 461 tal-Ftehim

Artikolu 2

Presidenza

Il-Partijiet iżommu l-Presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, fuq bażi ta' alternanza, għal perjodi ta' 12-il xahar. L-ewwel perjodu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Artikolu 3

Laqgħat

1. Ħlief fejn ikun miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiltaqa' b'mod regolari, minn tal-inqas darba fis-sena. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
2. Kull laqgħa tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni titlaqqa' mill-President fi żmien u f'post li jkun hemm qbil dwaru miż-żewġ Partijiet. L-avviż ta' sejħa għal-laqgħa jinħareġ mis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn 28 jum qabel il-bidu tal-laqgħa sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.
3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan. Kull laqgħa tissegħha mill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ f'data, post u mezz miftiehma mill-Partijiet. L-avviż li jsegħha il-laqgħa jinħareġ mis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.
4. Kull fejn possibbli, il-laqgħa regolari tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tissegħha fi żmien xieraq qabel il-laqgħa regolari tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
5. F'każijiet eċċezzjonali, u jekk jaqblu ż-żewġ Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jistgħu jsiru permezz ta' mezz teknoloġiċi li jintlaħaq qbil dwarhom, bħal vidjokonferenza.

Artikolu 4

Delegazzjonijiet

Qabel kull laqgħa, il-Partijiet jiġu infurmati, permezz tas-Segretarjat, bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet li jkunu se jattendu l-laqgħa fuq iż-żewġ naħat.

Artikolu 5

Is-Segretarjat

1. Uffiċjal tal-Unjoni u uffiċjal tar-Repubblika tal-Moldova jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u jwettqu kompiti segretarjali b'mod konġunt sakemm dawn ir-Regoli ta' Proċedura ma jistipulawx mod ieħor, fi spirtu ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni.
2. Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tar-Repubblika tal-Moldova li jkollhom ir-responsabbiltà għal kwistjonijiet kummerċjali u relatati mal-kummerċ jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ.

Artikolu 6

Korrispondenza

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tintbagħat lis-Segretarju ta' waħda mill-Partijiet, li min-naħa tiegħu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.
2. Is-Segretarjat jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tingħata lill-President tal-Kumitat u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
3. Korrispondenza mill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarjat lid-destinatarji f'isem il-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Din il-korrispondenza tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, kif stipulat fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 7

Dokumenti

1. Id-dokumenti jiġu ċċirkolati permezz tas-Segretarji.
2. Parti tittrażmetti d-dokumenti tagħha lis-Segretarju tagħha. Is-Segretarju jittrażmetti dawn id-dokumenti lis-Segretarju tal-Parti l-oħra.
3. Is-Segretarju tal-Unjoni jiċċirkola d-dokumenti lir-rappreżentanti responsabbli tal-Unjoni u jikkopja sistematikament lis-Segretarju tar-Repubblika tal-Moldova f'din il-korrispondenza.
4. Is-Segretarju tar-Repubblika tal-Moldova jiċċirkola d-dokumenti lir-rappreżentanti responsabbli tar-Repubblika tal-Moldova u jikkopja sistematikament lis-Segretarju tal-Unjoni f'din il-korrispondenza.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor bejn il-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ma jkunux pubbliċi. Meta Parti tissottometti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni informazzjoni mmarkata bħala kunfidenzjali, il-Parti l-oħra tittratta dik l-informazzjoni bħala tali.

Artikolu 9

Aġendi għal-Laqgħat

1. Titfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa kif ukoll abbozz tal-Konklużjonijiet Operattivi kif stipulat fl-Artikolu 10 hawn taħt mis-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni abbażi tal-proposti li jsiru mill-Partijiet. L-aġenda provviżorja tkun tinkludi punti li s-Segretarju tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkun irċieva talba dwarhom mingħand Parti biex jiddaħħlu fl-aġenda, sostnuti mid-dokumenti rilevanti, mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.
2. L-aġenda provviżorja, flimkien mad-dokumenti rilevanti, jiġu ċċirkolati kif previst fl-Artikolu 7 mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.
3. L-aġenda tiġi adottata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Kull punt minbarra dawk li jidhru fl-aġenda provviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

4. Il-President tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista', bil-qbil tal-Parti l-oħra, jistieden rappreżentanti ta' korpi oħra tal-Partijiet jew esperti indipendenti f'suġġett fuq bażi *ad hoc* biex jattendu l-laqgħat tiegħu biex jipprovdu informazzjoni fuq suġġetti speċifiċi. Il-Partijiet jiżguraw li daww osservaturi jew esperti jirrispettaw kull rekwiżit ta' kunfidenzjalità.
5. Il-President tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista', b'konsultazzjoni mal-Partijiet, iqassar il-perjodi ta' żmien speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 biex jieħu kont ta' ċirkostanzi speċjali.

Artikolu 10

Minuti u Konklużjonijiet Operattivi

1. Jitthejja abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji.
2. Bħala regola ġenerali, il-minuti jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:
 - (a) lista tal-parteċipanti fil-laqgħa, lista ta' uffiċjali li jakkumpanjawhom u lista ta' kull osservatur jew espert li jattendi l-laqgħa;
 - (b) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni;
 - (c) id-dikjarazzjonijiet li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu; kif ukoll
 - (d) Konklużjonijiet Operattivi mill-laqgħa, kif previst fil-paragrafu (4).
3. L-abbozz tal-minuti jiġi ppreżentat lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni. Dawn jiġu approvati fi żmien 28 jum kalendarju wara kull laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Wara l-approvazzjoni, il-minuti jiġu ffirmati mill-President u miż-żewġ Segretarji. Kopja ċċertifikata vera tintbagħat lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura.
4. Abbozz tal-Konklużjonijiet Operattivi ta' kull laqgħa jitfassal mis-Segretarju tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tal-Parti li jkollha l-Preidenza, u jiġi ċċirkolat lill-Partijiet flimkien mal-aġenda, normalment mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Dan l-abbozz jiġi aġġornat kif tkun għaddejja l-laqgħa sabiex fi tmiem il-laqgħa, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta l-Konklużjonijiet Operattivi, li jirriflettu l-azzjonijiet ta' segwitu mill-Partijiet. Ladarba jkun miftiehma, il-Konklużjonijiet Operattivi jiġu mehmuża mal-minuti u l-implimentazzjoni tagħhom tiġi eżaminata matul laqgħa sussegwenti tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Għal dak il-għan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta mudell, li jippermetti li kull punt ta' azzjoni jiġi traċċat skont skadenza speċifika.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Ftehim jagħtih is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet jew fejn tali setgħa kienet iddelegata lil mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jieħu d-deċiżjonijiet. Huwa jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet isiru bi qbil komuni bejn il-Partijiet. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tiġi ffirmata minn rappreżentant taż-żewġ Partijiet.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ir-rappreżentanti jiffirmaw dawn id-dokumenti matul il-laqgħa li fiha tiġi adottata d-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni rilevanti.

2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk. Il-proċedura bil-miktub tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn iż-żewġ Segretarji, li jaġixxu bi ftehim mal-Partijiet. Għal dan il-għan, it-test tal-proposta jitqassam skont l-Artikolu 7, b'limitu ta' żmien ta' mhux anqas minn 21 jum kalendarju li fih kull riżerva jew emenda għandha tiġi mgħarrfa. Il-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista', b'konsultazzjoni mal-Partijiet, iqassar il-perjodi ta' żmien speċifikati f'dan il-paragrafu biex jieħu kont ta' ċirkostanzi speċjali. Ladarba t-test jiġi miftiehem, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni jiġu ffirmati indipendentement u suċċessivament minn rappreżentant ta' kull Parti.
3. L-atti tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiġu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Kull deċiżjoni tistipula d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiġu awtentikati miż-żewġ Segretarji.
5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet jiġu ċċirkolati maż-żewġ Partijiet.
6. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 12

Rapporti

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jirrapporta lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tas-Sottokumitati, il-Gruppi ta' Ħidma u l-korpi l-oħra tiegħu f'kull laqgħa regolari tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 13

Lingwi

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni huma l-Ingliż u r-Rumen.
2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'kull waħda minn dawn iż-żewġ lingwi.

Artikolu 14

Spejjeż

1. Kull Parti tkopri kull spiża li tagħmel bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal, l-ivvjaġġar u ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni.
2. In-nefqa marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.
3. Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' interpretazzjoni fil-laqgħat, u t-traduzzjoni ta' dokumenti għal jew mill-Ingliż u r-Rumen kif imsemmi fl-

Artikolu 13(1) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Interpretazzjoni u traduzzjoni għal jew minn lingwi oħra jitħallsu direttament mill-Parti li tagħmel it-talba.

Artikolu 15

Emenda tar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni skont l-Artikolu 438(1).

Artikolu 16

Sottokomitati u Gruppi ta' Ħidma speċjalizzati

1. Skont l-Artikolu 439(2) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf Sottokomitati jew xi kumitati jew korpi speċjali, f'oqsma speċifiċi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim minbarra dawk li hemm stipulati fil-Ftehim, sabiex jgħinuh fit-twettiq ta' dmirijietu. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jtemm il-ħidma ta' tali Sottokumitat, kumitat speċjali jew korp, u jiddefinixxi jew jemenda t-termini ta' referenza tagħhom. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, dawn is-sottokomitati jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, u jirrappurtaw lilu wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom.
2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Ftehim jew miftiehem fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, ir-regoli preżenti ta' proċeduri jiġu applikati *mutatis mutandis* għal kull Sottokumitat, kumitat jew korp speċjali kif stipulat f'(1) hawn fuq.
3. Il-laqgħat tas-sottokomitati maħluqa skont il-Ftehim jistgħu jinżammu b'mod flessibbli skont il-bżonn, personalment, fi Brussell jew fil-pajjiż sħab jew pereżempju permezz ta' vidjokonferenza. Is-sottokomitati jkunu l-pjattaforma biex jiġi ssorveljat il-progress dwar l-approssimazzjoni f'oqsma speċifiċi, biex jiġu diskussi ċerti kwistjonijiet u sfidi li jirriżultaw minn dan il-proċess u biex jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet operattivi.
4. Is-Segretarjat tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkun ikkupjat bil-korrespondenza, dokumenti u komunikazzjonijiet rilevanti kollha li jikkonċernaw sottokumitat, kumitat jew korp speċjali kif stipulat f'(1) hawn fuq.
4. Sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-Ftehim jew miftiehem mill-Partijiet fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, is-Sottokomitati, kumitati jew korpi speċjali jkollhom biss is-setgħa li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 17

Dawn ir-regoli ta' proċedura japplikaw għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ *mutandis mutatis*, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

ANNEX II

DEĊIŻJONI Nru 2/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U r- Repubblika tal-MOLDOVA

ta' .. 2014

Dwar it-twaqqif ta' żewġ sottokunitati speċjalizzati

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI bejn l-UE u r-Repubblika tal-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikolu 439 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 465, partijiet mill-Ftehim huma applikati provviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014.
- (2) L-Artikolu 439(2) jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe sottokunitat jew korp speċjalizzat ieħor f'oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim li jista' jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.
- (3) Sabiex jippermettu diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar l-oqsma ewlenin li jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, għandhom jiġu stabbiliti żewġ sottokunitati. Bi qbil ulterjuri tal-partijiet kemm il-lista ta' sottokunitati kif ukoll l-ambitu tas-sottokunitati individwali jistgħu jiġu mmodifikati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Is-sottokunitati elenkati fl-Appendiċi A huma hawnhekk stabbiliti. Ir-Regoli ta' Proċedura tas-sottokunitati huma rregolati mill-Artikolu 16 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u s-sottokunitati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova kif adottat bid-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova.

Magħmul fi,

L-Unjoni Ewropea

ir-Repubblika tal-Moldova

Appendiċi A għall-ANNESS II

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova

Sottokumitati stabbiliti:

- (1) Sottokumitat dwar il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà;
- (2) Sottokumitat dwar kooperazzjoni fl-Ekonomija u f'Setturi oħra.

**DEĊIŻJONI Nru 3/2014 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE u r-
Repubblika tal-Moldova
ta' .. 2014**

**dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta'
Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ.**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI bejn l-UE u r-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikoli 436(3) u 438(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Partijiet tal-Ftehim huma applikati provviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014, skont l-Artikolu 464 tal-Ftehim.
- (2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa responsabbli sabiex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim.
- (3) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat tal-Assoċjazzjoni kull waħda mis-setgħat li għandu, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti skont l-Artikolu 438(2) tal-Ftehim.
- (4) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mat-Titlu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) kif speċifikat fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim.
- (5) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u f'waqtha tal-parti tad-DCFTA tal-Ftehim, huwa xieraq li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ is-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi ta' dan il-Ftehim li jikkonċernaw il-Kapitoli 1, 3, 5, 6 u 8 tat-Titlu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim sa fejn ma hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi f'dawk il-Kapitoli dwar l-aġġornament jew l-emendar ta' dawk l-Annessi f'dan il-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim, is-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi li jikkonċernaw il-Kapitoli 1, 3, 5, 6 u 8 tat-Titlu V (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati

mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim sa fejn ma hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi f'dawk il-Kapitoli dwar l-aġġornament jew l-emendar ta' dawk l-Annessi f'dan il-Ftehim.

L-Unjoni Ewropea

ir-Repubblika tal-Moldova